Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,592, 18 ta' Marzu, 2021

Taqsima B

A.L. 114 tal-2021

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni fuq l-Emissjonijiet ta' Ċerti Inkwinanti Atmosferiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni fuq l-Emissjonijiet ta' Ċerti Inkwinanti Asmosferiċi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni fuq l-Emissjonijiet ta' Ċerti Inkwinanti Atmosferiċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 549. 124.

Jemeda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Il-limiti għall-emissjonijiet jistgħu jkunu suġġetti għal kwalunkwe aġġustamenti li jistgħu jsiru mill-awtorità kompetenti għall-inventarju nazzjonali tal-emissjonijiet atmosferiċi tal-2005 skont Parti 4 ta' Anness IV tad-Direttiva (UE) 2016/2284." għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara s-subregolament (7) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi, inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 5 u Parti 4 ta' Anness IV tad-Direttiva (UE) 2016/2284, għall-inkwinanti elenkati fir-regolament 4 fejn in-nuqqas ta' konformità maqt-tnaqqis fl-emissjonijiet jirriżulta mill-applikazzjoni ta' metodi ta' inventarji tal-emissjonijiet imtejba aġġornati skont l-għarfien xjentifiku.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem ", fejn ikun applikabbli," għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "b'mod elettroniku" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "billi tkun ippubblikata fuq is-sit elettroniku

tal-Awtorità"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "ir-regolament 6(6)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-regolamenti 6(6) u 7(3)".

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Fit-test Ingliż biss, il-partita 4 tal-Parti 1 tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"4. Emissions from road transport shall be calculated and reported on the basis of the fuels sold in Malta. In addition, emissions from road transport may also be reported and calculated on the basis of fuels used for kilometres driven in Malta.".